MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 48/2022 LM

**Anthony Catania (K.I. nru. 213951(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**MIB Insurance Agency Limited (C 42111)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-ilmentatur **Anthony Catania** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-25 t'April, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda l-ilment tiegħu fil-konfront

tas-soċjetà provditur tas-servizz **MIB Insurance Agency Limited (C 42111)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], billi ddikjara li din tal-aħħar *"...kellha raġunijiet validi biżżejjed sabiex ma tonorax il-claim"* tiegħu, u għaldaqstant ċaħdet l-ilment imsemmi.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw *claim* magħmula taħt il-polza ta' assigurazzjoni nru. 004281-PCC-001, li l-appellant ippreżenta lis-soċjetà appellata bħala l-assiguratriċi tiegħu, u dan fir-rigward tal-ħsara li ġarrbet id-dgħajsa tiegħu bl-isem 'Hui Jen' wara li dan sabha mgħarrqa fit-3 ta' Novembru, 2015.

**Mertu**

3. L-appellant ippreżenta ilment quddiem l-Arbitru fid-29 ta' Novembru, 2018 fejn talab sabiex l-imsemmi Arbitru:

> *"(1) JIDDIKJARA illi soċjetà intimata ma kellha ebda dritt tiddeklina t-talba tal-esponenti għar-riżarċiment taħt il-polza u ma kellha ebda dritt tqis il-polza bħala nulla* ab initio *u kif ukoll illi ċ-caħda min-naħa tal-assigurazzjoni intimata illi tħallas lill-esponenti taħt il-polza de quo.*
>
> *(2) JIDDIKJARA lis-soċjetà intimata hija tenuta tħallas lir-rikorrenti d-danni kollha sofferti minnu u dana taħt l-istess polza sudetta.*
>
> *(3) JORDNA lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u sebgħin elf erba mija ħamsa u sebgħin Ewro (Eur 73,475) jew somma oħra verjuri rappreżentanti s-*sum insured *tad-dgħajsa più is-somma ta' Eur 2277 ossia r-renta ta' fejn qed tinżamm id-dgħajsa storjata (stima annessa Dok O) u b'riserva għal ammonti ulterjuri*

*rapprezentanti danni sofferti mill-mittenti u għal-liema danni l-istess soċjetà intimata kienu tenuti jagħmlu tajjeb favur il-mittenti taħt l-istess polza.*

*(4) JAGĦTI dawk l-ordnijiet, joħroġ dawk l-atti u jagħti dawk id-direttivi li jqis xierqa sabiex iwettaq, jew jiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponenti taħt il-polza sudetta u dan billi, fost affarijiet oħra, jordna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponenti is-somma mitluba bħala riżarċiment taħt il-polza de quo u dan isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li dan l-Arbitru jidhrilu xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali skont il-liġi."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fil-21 ta' Diċembru, 2018 fejn filwaqt li eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza tal-Arbitru sabiex jisma' u jiddeċiedi l-ilment tal-appellant, talbet sabiex l-istess jiddikjara li t-talbiet tal-appellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:

*"a) L-allegat kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet huwa* ***null*** **ab initio** *u dan minħabba l-fatt li*
   *(i) Ir-rikorrent kiser l-obligu ta'* uberrimae fidei*,*
   *(ii) Ir-rikorrent* ***xjentement għamel dikjarazzjoni falza*** *meta firma l-*proposal form*;*
   *(iii) Ir-rikorrent naqas serjament milli jiżvela fatt materjali li kien jaf bih u*

*b) Is-soċjetà assikuratriċi m'għandiex tħallas l-ammont pretiż mir-rikorrent għaliex kiser kundizzjoni espressa taħt klawżola D2 tal-polza meta ħalla lil Kaptan Gabrielle Tortorici jgħix fuq id-dgħajsa.*

*ċ) Il-kawża tal-għarqa hija espressament eskluża mil-polza ai termini ta' klawżola A14(1) u (3).*

*Salv eċċezzjonijiet oħra."*

## <u>Id-deċiżjoni appellata</u>

5. L-Arbitru kkonsidra dan li ġej u li huwa rilevanti għall-appell odjern:

*"**Jikkonsidra***

*Preliminari*

*Qabel xejn, l-Arbitru jinnota li dan il-każ ħa ftit żmien aktar mis-soltu biex jiġi deċiż għaliex sfortunatament il-perit tekniku għamel żmien twil marid u ma setax jippreżenta r-rapport. Peress li f'dan il-qasam l-esperti huma xi ftit limitati, l-Arbitru ma kellux wisq għażla ħlief li jistenna r-rapport peritali li ġie ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2022, u l-aħħar nota ta' sottomissjonijiet daħlet fl-Uffiċċju tal-Arbitru fl-14 ta' Marzu 2022.*

***Eċċezzjonijiet preliminari***

Eċċezzjoni dwar ġurisdizzjoni

*Il-provditur tas-servizz jgħid li l-Arbitru m'għandux ġurisdizzjoni jiddeċiedi l-każ għaliex il-polza tgħid li l-Qrati Maltin kellhom ġurisdizzjoni esklussiva jiddeċiedu l-każ.*

*L-Arbitru jinnota li l-polza in kwistjoni għandha 'l-***effective date'** *tagħha bid-data tal-24 ta' Ġunju 2015.*

*Fuq din il-kwistjoni dwar ġurisdizzjoni l-Arbitru diġà kellu okkażjonijiet oħra fejn irritena li l-leġislatur kien ħoloq l-Uffiċċju tal-Arbitru proprju biex il-konsumatur ikollu forum aktar sempliċi u speċjalizzat u mhux bilfors ikollu jmur il-Qorti. L-Arbitru għandu ġurisdizzjoni konkorrenti mal-Qrati Maltin u, wara April tal-2016, konsumatur ta' servizz finanzjarju ingħata d-dritt b'mod espliċitu mil-leġislatur li juża dan il-forum. Fl-2015, meta nħarġet din il-polza, l-Uffiċċju tal-Arbitru kien għadu ma nħoloqx u, għalhekk, l-uniku post li kien hemm għad-dispożizzjoni tal-kontraenti tal-polza kien il-Qorti. Meta l-leġislatur għażel li joħloq l-Uffiċċju tal-Arbitru mar lura sal-2004 biex il-kondotta ta' provditur tas-servizz li seħħet minn dik id-data 'l quddiem setgħet tiġi sindikata mill-Arbitru.*

*Apparti dan, l-Arbitru jinnota li l-kliem tal-polza: '*This insurance shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese Courts' *hi normalment użata biex tikkwalifika li każ dwar l-assikurazzjoni jista' jittieħed biss fi Qrati Maltin b'esklużjoni ta' Qrati barranin. Dan anke ġie innutat mill-Qorti tal-Appell, (Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd, QA (Inf), 5/11/2018)) fejn f'każ fejn tqajjmet din l-eċċezzjoni, qalet hekk:*

> 'il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pożizzjoni ta' take it or leave it għaliex ma jkollux bargaining power. Għall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx tagħmel sens meta tqis li:

i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of jurisdiction clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiż magħżul u mhux minn qorti f'pajjiż ieħor;

ii. Fi żmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setgħet tfittex għal rimedju kontra l-parti l-oħra mingħajr ħtieġa tal-kunsens tal-parti l-oħra. F'dak iż-żmien, l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ma kienx liġi … Għalhekk żgur li f'dak iż-żmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jagħti l-Kap. 555 lill-konsumatur, ġaladarba kien rimedju li ma jeżistix …'.

*L-Arbitru jagħmel tiegħu dan ir-raġunar tal-Qorti tal-Appell u jiddeċiedi li għandu ġurisdizzjoni li jiddeċiedi dan il-każ.*

Eċċezzjoni dwar 'medjazzjoni'

*Il-provditur tas-servizz jgħid ukoll li ma ġietx osservata 'l-proċedura tal-istess Arbitru' għaliex ma fetaħx proċedura għall-medjazzjoni kif obbligat taħt l-Artiklu 24 tal-Kapitlu 555 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-Arbitru hu tal-fehma li l-Kapitlu 555 tal-Liġijiet ta' Malta ma jitfax il-piż fuq l-ilmentatur għall-istadju ta' medjazzjoni. L-unika ħaġa li għandu jagħmel ilmentatur hu li jagħmel ilment skont kif jipprovdi l-Artiklu 22(1) tal-Kapitlu 555 tal-Liġijiet ta' Malta kif, fil-fatt, għamel l-ilmentatur f'dan il-każ. Imbagħad, minn hemm, huwa l-inkarigu tal-Uffiċċju tal-Arbitru li jistieden lill-partijiet jersqu għall-medjazzjoni u l-partijiet għandhom il-libertà li jaċċettaw jew jirrifjutaw tali medjazzjoni.*

*Għalhekk l-ilmentatur m'għamel l-ebda nuqqas f'dan ir-rigward u l-liġi stess tipprovdi li l-medjazzjoni għandha ssir meta 'huwa possibbli' u m'hemm xejn tassattiv fil-liġi li jekk ma ssirx il-medjazzjoni l-Arbitru ma jistax jiddeċiedi l-każ jew hemm xi sanzjoni ta' nullità fil-proċess.*

*Għalhekk din l-eċċezzjoni hija waħda fiergħa u qed tiġi miċħuda.*

**Dwar il-Mertu**

***L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-każ b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, hu ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.*** *(fn. 15 Kapitlu 555, Art. 19(3)(b))*

*Peress li dan il-każ huwa dwar rifjut ta' claim ghad-danni li ġarrab l-ilmentatur meta għerqitlu d-dgħajsa, l-Arbitru jrid jara jekk ir-rifjut tal-claim huwiex wieħed ġustifikat.*

**Dikjarazzjoni falza u 'non-disclosure' ta' fatti materjali u ksur ta' warranty**

*Il-provditur tas-servizz qajjem l-eċċezzjonijiet li (1) l-ilmentatur għamel dikjarazzjoni falza u* non-disclosure *ta' fatti materjali meta ma ddikjarax fil-*proposal form *li kien kundannat mill-Qorti dwar reat li kien jinvolvi dizonestà u ma semmiex ukoll li l-kaptan kien jorqod fuq id-dgħajsa in kwistjoni u (2) kien hemm* warranty *fi Klawsola D2 tal-polza li d-dgħajsa ma setgħetx tintuża bħala residenza jew* 'boathouse' *liema* warranty *l-ilmentatur kiser.*

1. 'Non-disclosure' ta' fatti materjali

*Kuntrarju għal diversi pajjiżi oħra, għad m'għandniex liġi sostantiva komprensiva li tkopri sew il-kuntratt ta' assikurazzjoni: x'inhuma eżattament l-obbliġi tal-assikuratur u dawk tal-assikurat kif ukoll id-drittijiet tagħhom li joħorġu mill-istess kuntratt. Għalhekk, matul is-snin il-Qrati tagħna imxew strettament mal-liġi Ingliża f'dan il-qasam u ħafna mid-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin huma msejsa fuq deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi. U dawn is-sentenzi tal-Qrati Ingliżi huma ippernjati ma' kif kienet il-*common law *Ingliża. Iżda, fl-aħħar snin, l-Ingliżi ikkodifikaw sew il-kuntratt tal-assikurazzjoni fejn saru tibdiliet sostanzjali. Saret distinzjoni netta bejn kuntratti tal-assikurazzjoni li jagħmel il-konsumatur u dawk il-kuntratti tal-assikurazzjoni bejn kummerċjant u assikurazzjoni. Saret bidla wkoll fejn jidħol il-kunċett ta'* 'non-disclosure' *ta' fatti materjali għaliex fejn qabel kien jitqies li l-assikurat għandu obbligu assolut li jgħid dak kollu li jaf u dak li kien mistenni li jkun jaf, illum il-liġi Ingliża tagħmel distinzjoni meta l-assikurat jaħbi fatti xjentement u meta jkun hemm dik li tissejjaħ '*innocent non-disclosure'*.*

*Intefa' wkoll piż fuq l-assikuratur biex fil-*proposal form *jagħmel dawk il-mistoqsijiet li hu jħoss huma materjali b'mod speċifiku biex b'hekk ġiet eliminata l-prattika minn ċerti kumpanniji tal-assikurazzjoni li kienu jimputaw nuqqasijiet innoċenti tal-klijent billi kienu jgħidu li ċerta informazzjoni li ma tniżżlitx fil-*proposal form *b'mod ġenwin, imissha tniżżlet għaliex l-assikurat mhux biss kellu jniżżel dik l-informazzjoni li kien jaf, imma anke dik l-informazzjoni li messu kien jaf. Illum hu meqjus li l-assikuratur irid kemm jista' jagħmel mistoqsijiet speċifiċi li l-assikurat irid iwieġeb b'onestà. Saret ukoll distinzjoni fejn informazzjoni mitluba fil-*proposal form *tkun tħalliet barra b'mod innoċenti, b'negliġenza, b'*recklessness *jew b'ħażen mill-assikurat.*

*Il-kuntratt ta' assikurazzjoni dejjem tqies li huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-partijiet iridu jimxu ma' xulxin bl-akbar* bona fede*, kemm fil-fażi pri-kontrattwali kif ukoll matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Din l-*uberrimae fidei *hija l-bażi tal-kuntratt tal-assikurazzjoni u l-assikurat huwa obbligat li jagħti l-informazzjoni kollha mitluba sabiex l-assikurazzjoni tkun f'qagħda tiddeċiedi jekk tinxurjax lil dak li jkun, liema*

premium *titolbu biex tkopri r-riskji inxurjati u wkoll jekk tridx iddaħħal xi kundizzjoni jew limitazzjoni fil-polza.*

*Għalhekk l-assikurat (il-proponent) għandu jagħti l-informazzjoni materjali kollha lill-assikurazzjoni. Tradizzjonalment kien jitqies li l-assikurat ried jgħid anke dik l-informazzjoni li ma ġietx mitluba lilu.*

*Fil-kawża* ***Degiorgio v. Agius****, (fn. 16 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li* 'il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bħala wieħed tal-aqwa bona fede, u l-proponent għandu jagħti risposta ċara dwar dettalji li jiġu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu ġeneralment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li raġjonevolment għandu jħoss li hu rilevanti għall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi.'

*Iżda dan il-prinċipju ta'* disclosure 'open ended' *ġie reformat maż-żmien għaliex tqies li l-oneru fuq l-assikurat kien qed ikun bla limitu u seta' jsir abbuż billi anke informazzjoni li proponent innoċentament kien iqis li mhix importanti kien jiġi sanzjonat biha fil-mument li jagħmel il-*claim*.*

*Għalhekk, kif qalet sew il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* **Paul Grech et vs Middlesea Insurance plc et***, (fn. 17 Deċiza 28 ta' Lulju 2014) filwaqt li kkonfermat il-prinċipju li l-assikurat irid jirrispondi sew il-mistoqsijiet tal-*proposal form *żiedet li dan l-obbligu illum huwa limitat għall-mistoqsijiet li jsiru fil-*proposal form *u għal xejn iżjed:*

'Dan il-principju ġie enfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, għalkemm, f'dik id-direttiva, ġie suġġerit li l-obbligu tal-assikurat huwa eżawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, mingħajr ħtieġa li jżid aktar.'

*L-Arbitru, li jrid jiddeċiedi l-każ fil-kwadru ta' ġustizzja, ekwità u raġonevolezza, jħoss li dan il-prinċipju li l-assikurat mhux mistenni li joqgħod jimmaġina dak kollu li jmissu jgħid, iżda li jwieġeb onestament il-mistoqsijiet li jsirulu, huwa meħtieġ sabiex inaqqas l-insikurezza tal-assikurat li jkun serraħ rasu li jkun kopert għal ċerti riskji, imbagħad, jiġi rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn l-assikurazzjoni tinvalida l-kopertura għaliex ma jkunx żvela xi fatt li ma jkunx ġie mistoqsi fuqu u li hu onestament ikun ħass li ma kienx importanti jew rilevanti għall-assikurazzjoni meta ma żvelahx. B'hekk, il-bilanċ ta' drittijiet bejn il-partijiet issaħħaħ b'mod li filwaqt li baqa' jżomm lill-assikurat responsabbli li jagħti informazzjoni dwar fatti materjali, dawn ġew limitati għall-mistoqsijiet li jsiru fil-*proposal form *u ma baqgħux bla limitu.*

Il-Proposal Form

*Dan ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-*proposal form *li kemm qrati barranin kif ukoll il-Qrati Maltin dejjem tawha importanza. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet:* **Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.** *(fn. 18 QA (inf) PS 28/04/2004) qalet hekk:*

> 'Hu dottrinalment riċevut illi in linea ġenerali l-ftehim ta' assikurazzjoni jaf il-bidu tiegħu lid-dokument li kif inhu magħruf mill-istess nomenklatura tiegħu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidħol f'rapport ta' assikurazzjoni. Proposta din li una volta aċċettata mill-assikuratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali.'

*Għalhekk il-ftehim ikun sar a bażi ta' dak li jiġi ddikjarat fil-*proposal form*. Kemm-il darba qamet il-kwistjoni liema huma fatti materjali li jekk jitħallew barra tiġi invalidata l-polza. Fatti materjali dejjem tqiesu dawk il-fatti li l-assikurazzjoni tqis importanti sabiex tiddeċiedi jekk tieħux ir-riskju; liema* premium *tiffissa u jekk iddaħħalx limitazzjonijiet oħra fil-polza.*

*Il-Qrati tagħna dejjem sostnew li ġaladarba jkun hemm mistoqsijiet fil-*proposal form *dawn għandhom jitwieġbu b'mod korrett u veritier:*

> 'Hu d-dmir tal-persuna li timla l-proposal form li tirrispondi għad-domandi li jkun hemm fiha bl-aħjar mod possibbli. Ladarba kien hemm domanda speċifika fil-proposal form hu evidenti li għall-kumpannija assikuratriċi t-tagħrif mitlub kien materjali u l-attriċi kellha obbligu li twieġeb għal kull domanda b'mod fidil.' *(fn. 19 Maria Concetta Grixti (appellanti) vs Argus Insurance Agencies Limited noe. QA (Inf), 4 ta' Diċembru 2018)*

*Bl-iżviluppi li saru fil-liġi Ingliża u speċjalment bil-*Consumer Insurance (Disclosure and Representations) Act 2012*, m'għadhiex issir enfasi fuq il-kunċett ta'* 'material fact' *iżda fuq dak li jissejjaħ '*the duty to take reasonable care'*.*

***John Birds**, f'**Birds Modern Insurance Law**, (fn. 20 (Tenth edition), (Sweet and Maxwell), p,. 127) jispjega l-qagħda preżenti kif ġej:*

> 'In this context there is no longer a concept of a "material circumstance" or a "material fact". In place of the previous law, the Act imposes a duty on the consumer to take reasonable care not to make a misrepresentation to the insurer … So, in essence it is only mis-statements on a proposal form (whether on paper or online) or in answer to questions posed on the telephone or electronically that are actionable in the situation of an original proposal for insurance'.

*Meta jispjega xi tfisser* 'reasonable care' *John Birds' jgħid:*

> 'Reasonable care is judged by the standard of a reasonable consumer in the light of all the relevant circumstances, namely, an objective test and not whatever might be the opinion of the actual consumer proposer, the actual insurer or a reasonable insurer.*' (fn. 21 Ibid.)*

***Dawn il-prinċipji applikati għall-każ in kwistjoni***

*Il-provditur tas-servizz jgħid li l-ilmentatur ħeba l-fatt li hu kien ikkundannat mill-Qorti tal-Maġistrati sena ħabs sospiża u multa ta' elfejn ewro għaliex kien instab ħati li xaħħam uffiċjal pubbliku sabiex tinħariġlu liċenzja għad-dgħajsa mertu tal-każ. L-Arbitru ra s-sentenza in kwistjoni (fn. 22 P. 19-27) fejn l-ilmentatur ġie miżmum ukoll milli jkollu liċenzja nawtika għal żmien sena.*

*Il-*proposal form *kellha din id-dikjarazzjoni li ġiet iffirmata mill-ilmentatur:*

> *'No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind.' (fn. 23 P. 16)*

*Il-provditur tas-servizz isostni li l-ilmentatur naqas mill-obbligu li jgħid il-verità fuq il-*proposal form *meta ddikjara li ma kellu l-ebda akkuża jew kundanna għall-offiża li kienet tinvolvi diżonestà taħt kwalunke forma.*

*L-ilmentatur jgħid li hu ma kienx jaf b'din il-kundizzjoni fil-polza għaliex kien imlielu l-polza ċertu Malcolm Ellul li kien ilu jafu u kien jafda fih u l-formola kienet imtliet bit-telefon.*

*Fil-fatt, xehed li:*

> 'Kont naf persuna li kienet taħdem ma' Rausi li kien jismu Malcolm Ellul u peress li dan Malcolm Ellul mar l-MIB, jien mort mal-MIB. Ngħid li mal-MIB, meta mtliet il-Proposal Form, din imtliet fuq it-telefon. Imtliet minn Malcolm Ellul, bil-kitba tiegħu u ngħid li jien kelli fiduċja f'dan Malcolm Ellul; kont ngħaddi wara jumejn, niffirma u nħalli ċ-ċekk. Ngħid li f'dan il-każ hekk ġara. Li staqsieni jien għidtulu u l-kitba hi tiegħu ... F'dan il-każ għaddejt jumejn wara, iffirmajt, tajtu iċ-ċekk u ħadt il-Proposal Form. Ngħid li lanqas qrajtha l-Proposal Form u l-insurance baqgħet tiġġedded sena b'sena.' *(fn. 24 P. 167-168)*

*Barra minn hekk, l-ilmentatur ġab bħala xhud lil Charles Pace li għamel affidavit (fn. 25 p. 197) fejn qal li wara li kien kellmu l-ilmentatur li l-assikurazzjoni ma laqgħetx il-claim tiegħu għaliex ma kienx semma l-akkuża u l-kundanna tal-Qorti, hu mar għand l-assikurazzjoni u nfurmaha li kellu akkuża kriminali:*

> ‘Meta mort hemm sibt tfajla li nfurmajtha dwar dan il-każ u hi marret għand superjur tagħha u x’ħin ġiet lura qaltli li dak il-każ li kelli ma kienx jaffettwa xejn l-insurance tiegħi u qaltli biex inserraħ rasi.’ *(fn. 26 Ibid.)*

*Charles Pace jagħmel referenza għal nota li ġiet imdaħħla mal-*proposal form*. Din in-nota tgħid li:*

> ‘Client came over to our office and advised he was once charged €500 for not having a valid driving licence (nautical) ….’*(fn. 27 P. 198)*

*Din it-teżi tal-ilmentatur li l-*proposal form *ma kienx imliha hu, u li ma kienx jaf x’fiha, kif ukoll il-fatt li lil Charles Pace l-assikurazzjoni kienet skolpatu għax ħeba l-fatt dwar l-akkużi kriminali, ġew spjegati u anke kontradetti kemm minn Malcolm Ellul kif ukoll minn Rein Caruana li spjega fuq liema informazzjoni kienet iddaħlet in-nota ta’ Charles Pace mal-*proposal form.

*Malcolm Ellul xehed li għalkemm kien hu li mela l-*proposal form *ma kienx minnu li din imtliet fl-assenza tal-ilmentatur jew li l-ilmentatur ma kienx jaf il-kontenut tagħha:*

> ‘Ngħid li ċempilt lis-Sur Catania u tajtu l-quote, però, għidtlu li kien hemm kundizzjoni li jrid jagħmel Statement of Facts, u fis-17 ta’ Ġunju 2013, mela din l-iStatement of Facts, li hi l-Proposal Form, u ngħid li għamilniha fil-preżenza ta’ xulxin. Ngħid li dak kollu li staqsejtu hu wieġeb.
>
> Qed niġi muri Dok F u nikkonferma li din hi l-iStatement of Facts li qed nirreferi għaliha fejn hemm ukoll il-firma tal-klijent u l-kitba hija tiegħi’. *(fn. 28 P. 203)*

*Ix-xhud iżid jgħid li l-ilmentatur ma qabadx u ffirma l-*proposal form *u qraha sew u anke issuġġerixxa xi emendi li gew milqugħa:*

> ‘Ngħid li meta tajtu l-Proposal Form innutajt li ma qabadx u iffirmaha mill-ewwel, imma qagħad jaqra l-Proposal Form fid-dettall, li ħadt gost għax hekk għandu jsir. Imma beda jitlob ċerti emendi fuq din il-proposta. Fil-fatt, saru xi emendi u dawn niftakarhom bl-amment.’ *(fn. 29 Ibid.)*

*Hawn ix-xhud isemmi d-diversi emendi li saru.*

*L-Arbitru għandu żewġ verżjonijiet opposti, però, jqis li l-ilmentatur kien mar għand Malcolm Ellul għaliex kien jafu u kellu fiduċja fih, iżda f’dan il-każ jipprova jgħid li Malcolm Ellul kien staqsih l-informazzjoni bit-telefon u hu sempliċement għadda xi jumejn wara, ħallas, u ġabar il-karti mingħajr qatt ma qara l-*proposal form*. Kieku verament dan kien minnu ma kinux jidħlu d-diversi emendi imsemmija speċifikament minn Malcolm Ellul u li dan inkluda fuq suġġerimenti tal-ilmentatur. Anke kieku Malcolm Ellul kien imlielu l-polza bit-telefon xorta waħda r-responsabbiltà tal-*

proposal form *taqa' fuq l-ilmentatur, hekk kif qalu diversi drabi l-Qrati Maltin. Min jimla l-*proposal form *għal ħaddiehor jitqies li hu l-mandatarju tal-assikurat u jekk dan ikun naqsu għandu azzjoni kontrih. Imma l-*proposal form *dejjem tqieset li hija r-responsabbiltà tal-assikurat. (fn. 30 Borg Raymond noe vs Fogg Ltd noe, PA, 30/10/2003)*

*Barra minn hekk, l-Arbitru jiddubita wkoll il-kredibilità tal-ilmentatur dwar il-fatt jekk il-kaptan tad-dgħajsa kienx jabita fuq id-dgħajsa jew le. Hu jsostni fl-affidavit tiegħu (fn. 31 P. 193 et seq) li:*

> 'Dwar l-allegazzjoni li l-Kaptan Tortorici kien jabita fuq id-dgħajsa jiena informajthom li dan ma kienx minnu u fil-fatt ir-residenza ordinarja tal-istess Kaptan kien il-post tiegħu fil-Gżira. Apparti minn hekk kieku vera l-Kaptan kien qed jgħix fiha x'aktarx l-inċident kien jiġi evitat u d-dgħajsa ma kinetx tegħreq.' *(fn. 32 P. 194)*

*Iżda din id-dikjarazzjoni hija kontradetta mill-istess Kaptan fin-nota li kien ghamel b'idu stess li, fost affarijiet oħra, tgħid:*

> 'I was use to live on the boat Hui-Jen till a week before it sunk.' *(fn. 334 P. 361)*

*L-ilmentatur jipprova jgħid li l-fatt li ma semmiex li kellu akkuża kriminali ma kienx fatt materjali għaliex lil Charles Pace, li kellu akkuża bħal tiegħu, għamlulu biss nota mal-*proposal form *('il fuq imsemmija) u qisu ma ġara xejn għall-assikurazzjoni.*

*Però, l-fatti kif joħorġu mid-dikjarazzjoni ta' Rein Caruana huma differenti. Huwa minnu li Charles Pace kien mar għand l-assikurazzjoni u qalilhom bil-multa ta' €500 li kien weħel iżda, kif jidher min-nota stess li l-assikurazzjoni daħħlitlu mal-*proposal form*, dan qalilhom biss li kien instab ħati talli ma kellux liċenzja nawtika u mhux għaliex, fil-fatt, instab ħati li xaħħam uffiċjal pubbliku sabiex tinħariġlu liċenzja fuq premessi qarrieqa.*

*Fil-fatt, in-nota li saret fiż-żmien li Charles Pace mar għand l-assikurazzjoni kienet tgħid:*

> 'Client came over to our office and advised he was once charged €500 **for not having a valid driving licence (nautical)***'. (fn. 34 P. 198. L-enfasi miżjuda mill-Arbitru)*

*Rein Caruana jgħid li l-assikurazzjoni kienet ġiet imqarrqa minn Charles Pace għaliex ma kienx semma l-akkużi li verament kien instab ħati għalihom:*

> 'However, for the record I must state that we were given to understand by Mr Pace that he had been fined for using his yacht without a nautical licence. We were

> not specifically informed that he had bribed someone to get the licence.' (fn. 35 *P. 299*)

*Huwa żied jgħid li:*

> 'It is important to note that we only linked the name 'Carmelo Pace' with the Transport Malta scandal upon receiving the complaint filed by Mr Catania dated 22 November 2018. Before that date we had no information to suggest that Mr Pace had been accused of the same crime as Mr Catania and neither did we know of or hear of any other judgement. By this time, Mr Pace was no longer insured with us as our underwriters Amlin had chosen not to renew its binder agreement insuring marine pleasure crafts past May 2018 and therefore the matter stopped there.' *(fn. 36 P. 300)*

*Minn dawn il-provi, għalhekk, jirrizulta li l-ilmentatur ma rnexxilux jipprova li l-fatt li ddikjara li ma kellux offiżi kriminali (meta fil-fatt kellu), setgħet b'xi mod tiġi skoplita bid-dikjarazzjoni skorretta li kien ghamel sieħbu Charles Pace lill-assikurazzjoni. Semmai ġie ippruvat li Charles Pace, l-ewwel ma ddikjarax li kellu offiżi kriminali u wara reġa' ta informazzjoni qarrieqa meta ħeba l-akkużi kriminali li fil-fatt instab ħati tagħhom*

*Barra minn hekk, kull każ għandu jitqies fuq il-partikolaritajiet tiegħu u l-Arbitru jrid jillimita ruħhu għall-fatti tal-każ li għandu quddiemu b'referenza għall-ilment ta' Anthony Catania u ta' ħadd aktar.*

*L-ilmentatur iddikjara li ma kellu l-ebda offiża kriminali li tinvolvi diżonestà meta, fil-fatt, kellu akkużi serji dwar diżonestà kif 'il fuq imsemmi f'din id-deċiżjoni. Dan jitqies bħala* misrepresentation *ta' fatti materjali għaliex kienet dikjarazzjoni importanti sabiex l-assikurazzjoni tkun taf eżatt ma' min qed tagħmel il-kuntratt tal-assikurazzjoni, u jekk il-persuna li kienet bi ħsiebha tassumi r-riskju għaliha hix affidabbli jew le.*

*Barra minn hekk, anke jekk jiġi applikat il-kriterju tad-'*duty to take reasonable care', *spjegat 'il fuq f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru jasal għall-konklużjoni li konsumatur raġonevoli oġġettiv jagħmel dikjarazzjonijiet korretti fuq il-*proposal form *speċjalment meta jsirulu dikjarazzjonijiet jew mistoqsijiet speċifiċi li għandu jweġibhom jew jassumihom b'mod onest u korrett.*

*Il-Qrati tagħna dejjem sostnew li meta l-assikurat ma jagħtix informazzjoni korretta fil-*proposal form*, il-kumpannija assikuratriċi tista' tinvalida l-kuntratt u ma tonorax il-claim.*

*Per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet* **Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.**, *(fn. 37 QA (Inf), 28/04/2004) il-Qorti qalet:* 'In konsegwenza ta' dawn il-prinċipji hu ormai ben saldat fil-ġurisprudenza illi "l-proponent għandu jagħti risposta ċara dwar dettalji li jiġu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form" (Kollez Vol. XLVI pII p 656). Dan anke għaliex il-proposal form hija ritenuta bħala parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni u, kwindi, dikjarazzjoni falza magħmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza (Kollez Vol XXXVI pIII p 610). Dan ifisser neċessarjament illi jekk jirriżulta li l-informazzjoni kontenuta fil-proposal form kienet mankanti fl-elementi materjali tagħha, tali mankanza kienet tintitola lis-socjetà assikuratriċi biex tiddekreta l-"avoidance" tal-polza.' *(fn. 38 Ara wkoll: Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe,QA 9/02./2001)*

Ksur ta' warranty

*It-tieni raġuni li ta l-provditur tas-servizz għar-rifjut tal-claim kienet li l-ilmentatur kien kiser il-*warranty *u l-*general condition *taħt sezzjoni D 2 tal-polza. Fil-polza kien hemm* warranty *li tgħid li d-dgħajsa in kwistjoni kellha tintuża bħala* pleasure boat *u mhux bħala residenza u, għalhekk, ħadd ma seta' jirrisjedi fuqha.*

*Din il-kundizzjoni qiegħda f'Section D taht in-nomenklatura* – Warranties and General Condition *(fn. 39 P. 90) li tgħid:*

> 'D2 Private Pleasure warranty Warranted to be be used soley for private pleasure purposes and not to be hired, chartered or used for reward unless previously approved by Underwriters in writing, and such permission is endorsed hereon.
>
> **It is further warranted that the vessel shall not be used as a residence or houseboat**.*' (fn. 40 Ibid. Enfasi mizjuda mill-Arbitru)*

*Lill-assikurazzjoni l-ilmentatur kien qalilha anke waqt l-ipproċessar tal-claim (fn. 41 P. 28) li mhux minnu li l-Kaptan kien jgħix fuq id-dgħajsa kif ukoll qal hekk fl-affidavit tiegħu li ppreżenta f'dan il-każ. (fn. 42 P. 194) Dan m'għandux mill-verità għaliex il-Kaptan stess, kif digà imsemmi f'din id-deċiżjoni, qal li sa gimgħa qabel għerqet id-dgħajsa kien jgħix fuqha. L-avukat tal-ilmentatur ukoll kien kiteb lill-assikurazzjoni fejn iddikjara li l-Kaptan kien jgħix fuq id-dgħajsa. (fn. 43 P. 98: '...* I have been informed that Mr Gabriele Tortorici is the Captain and the person taking care/living on the boat for the past three years preceding the 3rd November 2015*)*

*Għalhekk din il-*warranty *u* general condition *tal-polza ġiet miksura u l-assikurazzjoni tista' tirrifjuta l-claim. Apparti l-fatt li nkisret din il-*warranty *u l-*general condition *tal-polza, l-Arbitru jħoss li l-informazzjoni inveritiera li ta l-ilmentatur lill-assikurazzjoni fl-istadju tal-ipproċessar tal-claim, jiġifieri, d-dikjarazzjoni li l-Kaptan ma kienx jgħix fuq*

> *il-boat meta fil-fatt kien jagħmel dan sa ġimgħa qabel għerqet id-dgħajsa jammonta wkoll għal dikjarazzjoni falza li tmur kontra l-obbligu ta'* uberrima fides *fuq l-assikurat."*

## L-Appell

6. L-appellant ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fis-16 ta' Mejju, 2022 intavola appell quddiem din il-Qorti fejn qed jitlobha sabiex tirrevokaha, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħha u tilqa' it-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi li tressqu quddiemu mill-istess appellant; (b) l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna; u (ċ) is-soċjetà appellata għandha tbati l-ispejjeż tal-arbitraġġ u ta' dan l-appell.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fid-19 ta' Settembru, 2022, fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għaldaqstant timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellata, u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi li tressqu quddiemu minnu stess. Jispjega li wara li s-soċjetà appellata kienet irċeviet *claim* mingħandu *ai termini* tal-polza ta'

assikurazzjoni maħruġa lilu fuq id-dgħajsa tiegħu Hui Jen*,* hija nfurmatu sabiex jimxi bħala *'prudent uninsured'* kif spjegat fl-*email* tagħha tal-4 ta' Novembru, 2015, fl-ittra tagħha tas-17 ta' Frar, 2016 u fl-ittra legali tal-25 ta' April, 2016, u dan għaliex hija riedet tinvestiga jekk id-dgħajsa kinitx koperta taħt il-polza ta' assikurazzjoni msemmija. Fl-aħħar ittra, is-soċjetà appellata ddikjarat li l-*claim* tiegħu ma kinitx koperta għaliex il-polza ta' assigurazzjoni kellha tiġi ddikjarata nulla *ab initio* minħabba nuqqas ta' żvelar ta' fatt materjali u anki ksur ta' garanzija. Jirrileva li skont id-deċiżjoni appellata, huwa kien għamel dikjarazzjoni falza meta ffirma l-*proposal form* tas-soċjetà appellata, iżda jikkontendi li kieku dan kien minnu s-soċjetà appellata kienet tipproċedi permezz ta' kwerela lill-Pulizija Eżekuttiva. L-appellat jispjega li fil-formola in kwistjoni kellu jiddikjara jekk *"No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind",* u s-soċjetà appellata qalet li hija kienet ġiet infurmata li skont sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ġudikatura Kriminali) tas-16 ta' Ġunju, 2008 huwa kien instab ħati ta' reat ħames snin qabel ma huwa kien iffirma dik il-formola. Ikompli jispjega li skont l-Arbitru, l-polza ta' assigurazzjoni hija msejsa fuq il-*proposal form,* liema polza għalhekk tistrieħ fuq il-prinċipju ta' *uberrimae fidei ai termini* tal-artikolu 385 tal-Kap. 13. L-appellant jikkontendi li madankollu huwa qatt ma kien ġie mistoqsi mill-assiguratur tiegħu mistoqsija speċifika, u f'ċirkostanzi simili klijent ieħor tas-soċjetà appellata kien saħansitra baqa' kopert taħt il-polza ta' assigurazzjoni maħruġa minnha. Għalhekk jissottometti li din il-Qorti għandha tagħti piż lill-affidavit ta' Charles Pace. Imbagħad huwa jagħmel riferiment għax-xhieda tiegħu stess mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019, fejn huwa kien spjega li huwakien jaf lil ċertu Malcolm Ellul, li kien

impjegat ma' Rausi Insurance, li mar jaħdem mas-soċjetà appellata. Qal li huwa kien mela l-*proposal form* permezz ta' telefonata mal-istess Malcolm Ellul, li huwa kellu kull fiduċja fih. Sussegwentement, l-appellat jgħid li huwa kien għadda sabiex jiffirma l-polza jumejn wara, meta ħalla wkoll ċ-ċekk tal-ħlas. Fl-istess telefonata l-appellat jgħid li huwa kien semma ma' Malcolm Ellul li fil-passat kien għamel *claim* ma' Atlas Insurance, u dan għaliex kien jaf li jekk ikollok *claim* ma' kumpannija assiguratriċi jkun diffiċli sew li kumpannija oħra toħroġ polza ta' assigurazzjoni favurik. Jikkontendi li dan juri kemm huwa ma kellux xi fatt materjali x'jaħbi. L-appellat jispjega li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet ingħatat fis-16 ta' Ġunju, 2008, filwaqt li l-inċident tad-dgħajsa tiegħu kien seħħ fit-3 ta' Novembru, 2015, u għalhekk jistaqsi għal kemm-il sena huwa jibqa' responsabbli sabiex iwieġeb id-domandi tal-*underwriters.* Jirrileva li kieku huwa kien iddeċieda li jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, ċertament is-sentenza kontrih kienet tiġi revokata bħal fil-każ ta' madwar erba' mitt imputat ieħor f'każijiet simili għal dak tiegħu. L-appellat imbagħad isemmi punt ieħor li skont hu l-Arbitru naqas li japprezza jew m'apprezzax il-provi suffiċjentement. Jispjega li skont l-ittra tal-11 ta' Marzu, 2016, kien ġie ndikat li Gabriele Tortorici kien qed jgħix fuq id-dgħajsa bħala l-kaptan tagħha, u dan il-fatt skont is-soċjetà appellata kien imur kontra l-polza ta' assigurazzjoni, sabiex b'hekk bagħtet lura l-ħlas tal-*premium.* Huwa madankollu kien reġa' bagħtu lura u jispjega li l-kaptan kien jgħix fil-post tiegħu ġewwa l-Gżira u mhux fuq id-dgħajsa. Jargumenta li jekk dak li kienet qegħda tallega s-soċjetà appellata kien minnu, wisq probabbli l-inċident ma kienx iseħħ, u d-dgħajsa kienet tiġi salvata. Jikkontendi li l-argumenti kollha miġjuba mis-soċjetà appellata kienu intiżi biss sabiex jevitaw li jħallsuh skont il-polza. It-tieni

aggravju tal-appellant huwa mibni fuq l-ewwel wieħed, u fis-suċċint jissottometti li l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza Maltija u Ingliża. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li s-soċjetà appellata għandha tbati l-ispejjeż kollha tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u anki quddiem din il-Qorti.

10. Is-soċjetà appellata tibda bill qabel xejn tissottometti li l-appell odjern m'huwa xejn għajr tentattiv min-naħa tal-appellant sabiex din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti, meta dan mhuwiex permess fl-istadju tal-appell, ħlief għal raġunijiet manifestament plawsibbli u gravi. Filwaqt li tagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati in sostenn ta' dan l-ewwel argument tagħha, tgħid li hawnhekk l-appellant mhuwiex qed iressaq argumenti ġodda, u l-pożizzjoni tiegħu kif kienet ser tispjega, hija waħda skorretta u fattwalment inveritiera. Minn hawnhekk is-soċjetà appellata tgħaddi sabiex twieġeb għall-ewwel aggravju tal-appellant. Tispjega li l-polza ta' assikurazzjoni tal-appellant kienet ġiet annullata wara li fost affarijiet oħra, hija kienet saret taf li kien hemm nuqqas ta' żvelar ta' fatt materjali/dikjarazzjoni falza fil-*proposal form*, liema formola kien fiha tliet istanzi fejn l-appellant ġie mwissi u/jew ġie mitlub sabiex jikkonferma li qed jgħid il-verità u/jew li ma nstabx ħati ta' reat ta' diżonestà. Dwar il-paragun li l-appellant jagħmel mas-sitwazzjoni ta' Carmelo Pace, tgħid li dan ma jistax isir għaliex is-sitwazzjonijiet tagħhom ma kienux l-istess, u tispjega dan b'riferiment għan-nota ta' Angele Conti annessa mal-affidavit ta' Carmelo Pace. Tispjega li meta l-appellant kien semma lil dan tal-aħħar fl-ilment tiegħu, huwa ma kienx għadu kopert taħt polza maħruġa mingħandha, għaliex din ma kinitx ġiet imġedda wara Mejju tal-2018 meta sar l-ilment tal-appellant. Għaldaqstant hija ma setgħet tieħu l-ebda

passi fil-konfront tiegħu. Irrilevat li meta Rein Caruana kien ra s-sentenza kontra Carmelo Pace, huwa kien osserva li l-atteġġjament ta’ dan tal-aħħar kien ferm differenti minn dak tal-appellant kif deskritt fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Tgħid li l-piena ta’ Carmelo Pace u dik tal-appellant kienu differenti. Tgħid iżda illi fi kwalunkwe każ, kull każ għandu jiġi meqjus skont il-mertu tiegħu. Is-soċjetà appellata tgħid li s-sejbien ta’ ħtija tal-appellant mhuwiex daqstant frivolu kif jiddeskrivih l-appellant, u tgħid li l-Arbitru saħansitra ddeskrivih bħala *‘akkużi serji dwar diżonestà.* Tgħid li għaliha huwa tassew inkwetanti l-atteġġjament tal-appellant, għax juri li huwa mhux affidabbli u hija kellha dritt tifforma opinjoni abbażi tal-fedina penali tiegħu, u tiddeċiedi jekk għandhiex tidħol għal riskju taħt kuntratt ta’ assikurazzjoni, u jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet. Imma minħabba n-nuqqas ta’ żvelar min-naħa tal-appellant, hija kienet daħlet f’kuntratt b’mod qarrieqi u mingħajr l-informazzjoni pertinenti. Filwaqt li tiċċita dak li qal l-Arbitru dwar in-nuqqas tal-assigurat li jsemmi sejbien ta’ ħtija, tissottometti li hija ma tistax ma taqbilx mal-pożizzjoni tiegħu. Tikkontendi li bid-dikjarazzjoni l-falza tiegħu, l-appellant kien kiser l-obbligu tiegħu ta’ *uberrimae fidei,* li jġib l-annullament tal-polza ta’ assigurazzjoni. Dwar dan l-obbligu tal-assigurat, hija tiċċita l-awtur Bird, u anki diversi sentenzi tal-Qrati. Dwar il-mili tal-*proposal form,* is-soċjetà appellata tgħid li l-appellant hawnhekk jerġa’ jagħmel l-istess argumenti. Tgħid imma li l-verżjoni tal-appellant tikkonfliġġi sew max-xhieda dokumentarja, u max-xhieda ta’ Malcolm Ellul li saret permezz ta’ *witness statement* anness mar-risposta tagħha quddiem l-Arbitru, fejn imbagħad xehed in kontro-eżami. Ellul qal li l-appellant kien klijent tiegħu sas-sena 2007, jiġifieri sitt snin qabel ma mtliet il-*proposal form,* u huwa kien jaħdem mal-MIB il-*broker* u mhux mal-aġenzija, li

hija s-soċjetà appellata. Ix-xhud spjega li l-appellant kien avviċinah wara li l-Atlas (Insurance) kienet għoliet il-prezzijiet tagħha, u l-istess appellant kien mar għandu fejn imlew il-*proposal form* flimkien. Ix-xhud qal li l-appellant din kien qraha sew u żied ċerti dettalji, u għalhekk dan kien juri li ma kienx minnu li l-appellant u x-xhud kienu ltaqgħu biss sabiex jiffirmaha mingħajr ma qraha. Tgħid li anki jekk huwa minnu li l-appellant ma kienx qara il-polza, huwa l-obbligu ta' kull min jiffirma dokument b'implikazzjonijiet legali li jaqrah, u jekk l-appellant ma qrahx, dan kien nuqqas tiegħu li għalih ma tistax tiġi ppenalizzata hi. Hawnhekk għal darb'oħra s-soċjetà appellata tiċċita siltiet minn diversi sentenzi tal-Qrati sabiex tissostanzja l-argumenti tagħha. Is-soċjetà appellata tispjega kif ma jistax ikun dak li jgħid l-appellant, li Malcolm Ellul kien ġera warajh sabiex huwa jidħol mal-MIB Insurance Agency, anki għaliex dan ma kienx baqa' jaħdem fis-settur tal-assigurazzjoni tad-dgħajjes. Tirrileva li x-xhud Malcolm Ellul kien għenu għaliex kif mar fuqu, u kien jafu minn fejn kien jaħdem qabel, u kien irreferih lil ħaddiehor mas-soċjetà appellata, u dan tgħid oltre l-fatt li d-dgħajsa tal-appellant kienet qadima u kellha bżonn permess speċjali mingħand il-prinċipali Amlin sabiex tiġi koperta. Dwar l-inkredulità li esprima l-appellant fir-rigward ta' kemm-il sena huwa kien ser jibqa' responsabbli għall-effetti tas-sentenza kriminali, is-soċjetà appellata tispjega li għalkemm l-għarqa tad-dgħajsa tiegħu seħħet fl-2015, il-polza kienet ġiet iffirmata fis-17 ta' Ġunju, 2013 jew inqas minn ħames snin wara li huwa kien ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati. Hija tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qrati, u tissottometti li minn qari tal-*proposal form,* kien jirriżulta li ma kien hemm l-ebda limitazzjoni ta' żmien indikat f'sezzjoni H(6), u għalhekk l-ebda *waiver of disclosure.* Is-soċjetà appellata ssostni li l-verżjoni tal-appellant ma kinitx waħda veritiera.

Tgħid li skont il-każistika sostanzjali ċitata minnha, fejn l-assigurat ikun naqas milli jiddikjara fatt materjali, dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligu tal-*uberrima fidei,* li jwassal għall-annullament tal-polza. Wara li għal darb'oħra tiċċita diversi sentenzi oħra, anki dawk tal-Qrati Ingliżi, in sostenn tal-argument tagħha, tissottometti li fejn issir applikażżjoni għall-ħruġ ta' polza ta' assikurazzjoni, hija ma jkollha l-ebda informazzjoni fuq il-persuna konċernata u għalhekk hija jkollha toqgħod fuq dak li jingħad lilha. Tinsisti li mhux mistenni min-naħa tagħha li f'dak l-istadju hija tindaga dwar il-veraċità tal-fatti dikjarati, u dan apparti il-fatt li anki permezz tal-mezzi eletroniċi moderni, il-verifika mhijiex daqstant sempliċi. Dan għaliex tirrikjedi riċerka dettaljata li tieħu ċertu żmien, u għalhekk tista' twassal għal telfien tan-negozju propost. Dwar il-kwistjoni tal-allegata residenza tal-kaptan fuq id-dgħajsa, is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja l-ammissjoni ċara tal-kaptan, l-appellant qiegħed isostni li m'hemmx ksur tal-kundizzjoni elenkata taħt klawżola D2 tal-polza. Tgħid li l-appellant jagħmel riferiment għall-affidavit tal-kaptan, iżda tirrileva li l-imsemmi affidavit jinstab kontradett mix-xhieda l-oħra, u ssemmi b'mod partikolari dak li jingħad fir-raba' paġna tar-rapport ta' Oceanus Marine Ltd datat 16 ta' Novembru, 2015. Is-soċjetà appellata tgħid li dan il-fatt ġie kkorrobat ukoll permezz ta' ittra mibgħuta mill-avukat tal-appellant tal-11 ta' Marzu, 2016, u dikjarazzjoni magħmula mill-kaptan stess. Filwaqt li tirrileva li l-Qorti qegħda tiġi ppreżentata b'verżjonijiet kunfliġġenti, tgħid li minn apprezzament tal-provi preżentati quddiem l-Arbitru u kif saħansitra deċiż minnu, ma jista' ikun hemm l-ebda dubju li l-verżjoni tal-fatti tagħha hija iktar attendibbli, u dik tal-appellant mhijiex ikkorroborata mill-fatti. Is-soċjetà appellata tissottometti li kien hemm ukoll raġunijiet oħrajn għaliex il-polza ta' assikurazzjoni ma setgħetx tiġi

onorata, anki għaliex kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni u negliġenza min-naħa tal-appellant, li jista' jkun wasslu sabiex id-dgħajsa tegħreq, u għalhekk hija tagħmel riferiment għall-klawsola A14(1) u A14(3) tal-imsemmija polza. Is-soċjetà appellata tgħid li fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru jagħmel riferiment għal *'duty of care'* tal-assigurat minflok l-obbligu li jiddikjara kull *'material fact',* iżda tesprimi l-fehma li madankollu l-kwistjoni tibqa' li b'riżultat ta' nuqqas ta' żvelar ta' fatt materjali, l-appellant għamel misrappreżentazzjoni qawwija li żvijjat lill-assiguratur dwar ir-riskju li huwa kien ser jidħol għalih. Skont hi, dejjem jibqa' il-fatt li l-assigurat ma jistax jagħmel dikjarazzjoni falza, u lanqas jikser garanzija espressa, iżda fl-istess ħin jippretendi li l-polza tibqa' sħiħa għaliex kemm il-liġi u anki l-ġurisprudenza ma jagħtux lok għal dan. Dwar it-tieni aggravju, is-soċjetà appellata tibda billi tgħid li dan huwa wieħed bla bażi u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Tissottometti li l-appellant hawnhekk jonqos milli jispjega fejn sar l-allegat żball fl-interpretazzjoni tal-liġi u tal-ġurisprudenza, u dan filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li titlob il-liġi taħt is-subartikolu 143(2) tal-Kap. 12. Tgħid li l-każistika estensiva ċċitata minnha u mit-Tribunal hija kostanti u l-liġi hija ċara. Tagħlaq billi tiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 385 tal-Kap. 13.

11. L-Arbitru beda billi tajjeb għaraf li għall-kuntrarju ta' diversi pajjiżi oħra, Malta m'għandhiex liġi sostantiva komprensiva dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni. Qal li għalhekk il-Qrati Maltin dejjem ħarsu lejn id-deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi bħala gwida, li sa dawn l-aħħar snin kienu jistrieħu fuq il-*common law* Ingliża. Għaraf ukoll li llum il-ġurnata, l-Ingilterra pprovdiet leġislattivament dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni, anki billi saru tibdiliet konsiderevoli, fosthom fil-kunċett ta' *'non-disclosure'* ta' fatti materjali fejn

saret distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn l-assigurat jaħbi fatti xjentement u fejn ikun hemm *'innocent non-disclosure'.* L-Arbitru rrileva li l-assiguratur issa għandu l-obbligu sabiex fil-*proposal form* iżid dawk il-mistoqsijiet li huwa jaħseb li huma partikolarment materjali, u saret distinzjoni bejn l-informazzjoni li tkun tħalliet barra mill-assigurat innoċentement, u dik riżultat ta' negliġenza, traskuraġni jew ħażen.

12. L-Arbitru kkunsidra li l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa msejjes fuq il-prinċipju ta' *uberrimae fidei,* fejn l-assigurat huwa obbligat li jagħti l-informazzjoni kollha mitluba sabiex l-assigurazzjoni tkun f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni jekk għandhiex tassigura jew le, u jekk iva skont il-*premium* intiż sabiex tkopri r-riskji assigurati u skont kull kundizzjoni jew limitazzjoni oħra li jogħġobha żżid fil-polza. Filwaqt li għamel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Grech et *vs.* Middlesea Insurance plc et** deċiża fit-28 ta' Lulju, 2014, l-Arbitru ddikjara li l-obbligu tal-assigurat illum ġie limitat għal dawk il-mistoqsijiet imniżżla fil-*proposal form,* u l-obbligu tiegħu ma baqgħax wieħed bla limitu.

13. Qal li madankollu dan ma jnaqqasx mill-importanza tal-imsemmija *proposal form,* u filwaqt li għamel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Citadel Insurance p.l.c.** deċiża fit-28 ta' April, 2004, qal li l-ftehim ikun sar skont dak li jiġi dikjarat fil-*proposal form.* L-Arbitru rrileva li l-Qrati Maltin dejjem sostnew li l-mistoqsijiet fil-*proposal form* kellhom isibu risposta korretta u veritiera. Waqt li għamel riferiment għal dak li jfisser John Birds **f'Birds' Modern Insurance Law**, qal li skont l-iżvilupppi fil-liġi Ingliża, l-enfażi mhijiex

aktar fuq il-kunċett ta' *'material fact',* iżda fuq *'the duty to take reasonable care'*.

14. Għal dak li kien jirrigwarda l-allegazzjoni tas-soċjetà appellata li l-appellant kien ħeba l-fatt li huwa kien irċieva kundanna mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex instab ħati li xaħħam uffiċjal pubbliku sabiex jingħata liċenzja għad-dgħajsa in kwistjoni, l-Arbitru qal li huwa osserva li fil-*proposal form*[1] kien hemm dikjarazzjoni ffirmata mill-appellant li kienet tgħid *'No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind'.* Għaraf li min-naħa tiegħu l-appellant qal li huwa ma kienx jaf b'din il-dikjarazzjoni, stante li l-formola kien imlieha fuq it-telefon ċertu Malcolm Ellul, li kien ilu jafu u li kien jafda fih. L-Arbitru għamel riferiment ukoll għal dak li qal Charles Pace fl-affidavit tiegħu, dwar meta dan kien mar u avża lis-soċjetà appellata bil-kundanna tal-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tiegħu. L-Arbitru sostna li l-argument tal-ilmentatur li l-*proposal form* ma kienx imlieha hu u li ma kienx jaf x'fiha, kif ukoll li s-soċjetà appellata kienet skolpat lil Charles Pace wara li dan ħeba l-fatt dwar l-akkużi kriminali, kollha ġew spjegati u anki kontradetti minn Malcolm Ellul u minn Rein Caruana. L-Arbitru kkunsidra li Malcolm Ellul kien iddikjara li ma kienx minnu li l-*proposal form* imtliet fl-assenza tal-appellant jew li dan ma kienx jaf x'kien fiha. Huwa ċċita dak li qal fix-xhieda tiegħu u rrileva li għalhekk Malcolm Ellul spjega li l-appellant kien qara l-*proposal form* sew u saħansitra ppropona xi emendi li kienu ntlaqgħu. Għalhekk l-Arbitru għaraf li huwa kellu żewġ verżjonijiet kontradittorji, iżda kkunsidra li jekk kien tassew minnu dak li kien qed jgħid l-appellant, ma kienux jiddaħħlu l-emendi li

[1] *A fol.* 15 *et seq* tal-atti tal-Arbitru.

ssemmew minn Malcolm Ellul li ġew inklużi fuq suġġeriment tal-appellant. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandiex tikkunsidra li dawk l-emendi setgħu faċilment saru waqt telefonata bejn l-appellant u Malcolm Ellul, u ma tarax li l-preżenza tal-appellant kienet neċessarja sabiex isiru n-notamenti fuq il-*proposal form* mill-istess Malcolm Ellul. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li x-xhieda ta' Malcolm Ellul hija waħda pjuttost dettaljata, fejn ix-xhud iddeskriva s-sekwenza taċ-ċirkostanzi kif seħħew meta saret il-*proposal form,* imma wkoll f'dak li qal li kienu l-emendi li saru fl-istess dokument fuq talba tal-appellant. Dan meta kienu għaddew madwar sitt snin bejn id-data li fiha saret l-imsemmija *proposal form* u d-data meta xehed l-imsemmi Malcolm Ellul quddiem l-Arbitru. Iżda min-naħa l-oħra tosserva li x-xhud jonqos li jikkonferma li huwa fisser ċar lill-appellant is-sinifikat tal-kliem *"No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind"* fil-para. 6 tas-sezzjoni (H) *Declaration of Facts* fil-*Yacht & Motor Boat Statement of Facts*[2]*,* li pjuttost l-intendiment tagħhom jista' ma jkunx daqstant ċar għall-bniedem ordinarju, sabiex b'hekk l-appellant seta' fehem x'kien qed jintalab mingħandu. Għalhekk il-Qorti ma tistax tikkondividi d-dubju tal-Arbitru dwar il-kredibilità tax-xhieda tal-appellant, u fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà appellata ma rnexxiliex tikkontradixxi b'mod konvinċenti l-verżjoni tal-appellant ta' kif imtliet il-*proposal form.*

15. Imbagħad l-Arbitru għaraf li l-appellant kien qed jikkontendi wkoll li l-akkuża kriminali kontrih ma kinitx fatt materjali, għaliex fir-rigward ta' Charles Pace li kellu akkuża bħal tiegħu, kienet ġiet sempliċement annessa nota mal-

[2] *A fol.* 16 tal-atti tal-Arbitru.

*proposal form,* u kien qiesu ma 'ġara xejn għas-soċjetà appellata'. Il-Qorti taqbel mal-appellant. Tikkunsidra li n-nota saħansitra tgħid li *"Client ...advised he was once charged €500 for not having a valid driving licence (nautical)...",* fatt li ċertament kellu jwassal lis-soċjetà appellata li tagħmel l-indaġini tagħha sabiex tistabbilixxi dak li filfatt kien ġie akkużat u misjub ħati għalih Charles Pace. Iżda l-Qorti tgħid li ma ġara xejn minn dan, u saħansitra ma jidhirx li l-istess Charles Pace intalab għas-sentenza tal-Qorti jew imqar il-liċenzja li sussegwentement l-istess nota tgħid li huwa kiseb wara li nstab ħati tan-nuqqas tagħha. Dan kollu jista' biss iwassal lill-Qorti sabiex tikkunsidra li għas-soċjetà appellata, kif sewwa jargumenta l-appellant, l-akkuża u l-kundanna ta' Charles Pace ma kienux jikkostitwixxu fatt materjali għaliha. B'hekk qajla tista' taċċetta l-allegazzjoni tagħha li permezz tan-nuqqas ta' żvelar ta' allegat fatt materjali min-naħa tal-appellant, hija kienet ġiet żgwidata dwar ir-riskju li kienet ser tieħu taħt il-polza ta' assikurazzjoni li kienet ser toħroġ lill-appellant. Il-Qorti hawnhekk ma tistax tonqos milli tikkunsidra l-attitudni laxka tas-soċjetà appellanta, li ħalliet għaddejja l-informazzjoni serja dwar il-kundanna ta' Charles Pace mingħajr indaġini ulterjuri, fejn l-assikurat naqas li jiżvela fatt bi ksur tal-para. (7) tal-imsemmija sezzjoni (H) tal-*proposal form.* Il-Qorti tgħid li ma tistax tibqa' lura u ma tikkunsidrax ukoll li bħal fil-każ odjern, is-sitwazzjoni setgħet faċilment kienet mod ieħor fl-eventwalità li f'xi żmien sussegwenti Charles Pace ippreżenta *claim* mas-soċjetà appellata. Tikkunsidra li għalhekk fil-każ odjern is-soċjetà appellata ma tistax titqies li meta rrilevat il-kwistjoni tal-kundanna tal-appellant hekk kif dan ippreżenta l-*claim* tiegħu, hija kienet qegħda taġixxi *in buona fede,* imma sabiex tevita l-obbliġi tagħha tal-ħlas taħt il-polza ta' assigurazzjoni.

16. L-Arbitru kompla billi għamel riferiment għad-dikjarazzjoni ta' Rein Caruana, u rrileva li Charles Pace kien qalilhom biss li huwa kien instab ħati talli ma kellux liċenzja nawtika, u mhux li xaħħam uffiċjal pubbliku sabiex tinħariġlu liċenzja fuq premessi qarrieqa. Huwa ċċita wkoll dak li qal dan ix-xhud dwar il-fatt li Charles Pace ma baqax assigurat mas-soċjetà appellata fiż-żmien li huma kienu rċevew l-ilment tal-appellant tat-22 ta' Novembru, 2018, fejn qabel dik id-data huma ma kellhom l-ebda informazzjoni li kienet turi li Charles Pace kien ġie akkużat bl-istess reat bħal dak tal-appellant, u lanqas kienu jafu jekk kienx hemm sentenza oħra. Fatt, li kif diġà ngħad iktar 'il fuq minn din il-Qorti, jista' biss juri n-nuqqas ta' serjetà fil-mod kif tiġġestixxi n-negozju tal-assigurazzjoni tagħha s-soċjetà appellata, fejn il-konsiderazzjoni l-iktar importanti hija proprju li ma jintilifx in-negozju. Għalhekk il-Qorti tgħid li l-Arbitru kien żbaljat meta qies li l-appellant ma rnexxilux jiskolpa ruħhu b'dan il-mod, anki meta qies li kull każ għandu jiġi kkunsidrat skont il-fatti specie tiegħu.

17. Ċertament il-Qorti ma tistax tonqos li tagħraf li kien korrett l-Arbitru meta qies li s-soċjetà appellata kellha tkun taf ma' min qegħda tagħmel kuntratt ta' assikurazzjoni, u jekk dik il-parti l-oħra kinitx affidabbli jew le. Imma tagħraf ukoll li ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lis-soċjetà appellata milli tagħmel l-indaġini tagħha, jew li tal-inqas titlob lill-appellant jippreżentalha l-kondotta tiegħu mal-firma tal-*proposal form,* sabiex tassigura l-affidabbiltà tiegħu o meno. Kuntrarjament għal dak li ssostni s-soċjetà appellata, din l-informazzjoni m'għandhiex tkun waħda diffiċli biex tinkiseb. Barra minn hekk, tqis li n-nuqqas tas-soċjetà appellata li tieħu l-passi meħtieġa fil-konfront ta' Charles Pace, iġib

ferm fid-dubju kemm in-neċessità tal-affidabbilità tal-klijent hija daqstant importanti fil-ħin li ssir il-*proposal form.*

18. L-Arbitru rrileva wkoll li l-Qrati tagħna dejjem ikkunsidraw li meta l-assigurat jonqos milli jagħti informazzjoni korretta fil-*proposal form*, is-soċjetà assiguratriċi tista' tinvalida l-kuntratt u anki ma tonorax il-*claim.* Għal darb'oħra għamel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Citadel Insurance p.l.c.** Il-Qorti qabel xejn hawnhekk tgħid li kuntrarjament għal dak li qed jiġi sottomess lejn l-aħħar tar-risposta tas-soċjetà appellata, mhumiex id-disposizzjonijiet speċjali taħt l-artikolu 385 tal-Kap. 13 dwar kuntratt ta' nolleġġ li huma applikabbli għall-każ odjern, iżda dawk tal-liġi ġenerali ġaladarba l-liġi tagħna tonqos li tirregola l-kuntratt ta' assigurazzjoni. Tikkunsidra li s-soċjetà assiguratriċi m'għandhiex teżerċita l-għażla tagħha li tinvalida l-kuntratt b'mod kappriċċuż, iżda bl-akbar *buona fede,* u għal raġunijiet li jistgħu biss ikollhom rabta mal-inċident li jkun wassal għall-preżentata ta' *claim* mingħand l-assigurat tagħha. Hawnhekk ma tistax tonqos milli tagħmel riferiment għar-rapport tassew mirqum u ġust tal-Ing. Paul Cardona, partikolarment dak li jingħad f'paġna 5 tiegħu a *fol.* 382.

19. L-Arbitru kkunsidra wkoll it-tieni raġuni li kienet qegħda tagħti s-soċjetà appellata sabiex tirrifjuta l-*claim,* jiġifieri li l-appellant kien kiser il-garanzija u l-kundizzjoni ġenerali taħt is-sezzjoni D2 tal-polza. Hawnhekk ukoll il-Qorti tgħid li l-konsiderazzjonijiet tagħha appena magħmulin għandhom isibu l-applikazzjoni tagħhom. L-Arbitru kkunsidra li l-appellant kien insista mas-soċjetà appellata, anki waqt li din kienet qegħda tipproċessa l-*claim* tiegħu, li

ma kienx minnu li l-kaptan kien jgħix fuq id-dgħajsa. Iżda l-Arbitru qies li dan ma kienx minnu għaliex il-kaptan kien qal li sa ġimgħa qabel l-inċident huwa kien qed jgħix fuqha. Saħansitra anki l-avukat tal-appellant kien kiteb lis-soċjetà appellata u qalilha li l-kaptan kien jgħix fuqha. B'hekk l-Arbitru kkonkluda li l-appellant kien tassew kiser din il-garanzija u l-kundizzjoni ġenerali tal-polza ta' assikurazzjoni. L-Arbitru kkunsidra wkoll li kienet inveritiera l-informazzjoni li l-kaptan ma kienx jgħix fuq id-dgħajsa li l-appellant kien għadda lis-soċjetà appellata meta din kienet qegħda tipproċessa l-*claim* tiegħu, meta fil-fatt huwa kien għadu qed jgħix fuqha sa ġimgħa qabel ma għerqet l-imsemmija dgħajsa. Kienet dikjarazzjoni falza li tmur kontra l-obbligu tiegħu ta' *uberrimae fidei.* Iżda l-Qorti tagħraf li hawnhekk is-soċjetà appellata qegħda tikkontendi li dan il-fatt jagħtiha dritt li twarrab il-kuntratt ta' assigurazzjoni abbazi ta' ksur ta' *warranty* imfissra fil-klawsola D2 tal-polza, u mhux kif jgħid l-Arbitru minħabba nuqqas ta' żvelar ta' fatt materjali min-naħa tal-appellant. Madankollu kif sewwa rrileva l-Ing. Paul Cardona fir-rapport tiegħu, il-kaptan ma kienx qed jgħix fuq id-dgħajsa fil-mument tal-għarqa, u għalhekk l-argument tas-soċjetà appellata ma jiswiex.

20. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravji tal-appellant ġustifikati u tilqagħhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li:**

**(I) Tiddikjara li s-soċjetà appellata ma kellha u m'għandha l-ebda dritt li tiddeklina t-talba tal-appellant għar-riżarċiment taħt il-polza ta' assigurazzjoni maħruġa lilu, u m'għandha u ma kellha l-ebda dritt li tqis li l-imsemmija polza hija nulla *ab initio,* u għaldaqstant iċ-ċaħda tagħha sabiex tħallas lill-appellant taħt dik il-polza, hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;**

**(II) Tiddikjara li s-soċjetà appellata hija tenuta tħallas lill-appellant d-danni kollha sofferti minnu u dan taħt l-istess polza ta' assigurazzjoni; u**

**(III) Tordna lis-soċjetà appellata sabiex tħallas lill-appellant is-somma ta' tlieta u sebgħin elf erba' mija ħamsa u sebgħin Euro (€73,475.00) rappreżentanti s-*sum insured* tad-dgħajsa, u li minnhom għandu jitnaqqas l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000.00) rappreżentanti r-*residual value* skont ir-rapport tal-Inġ. Paul Cardona, flimkien mas-somma ta' elfejn mitejn sebgħa u sebgħin Euro (€2,277.00) rappreżentanti kera ta' fejn qegħda tinżamm id-dgħajsa.**

**Bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha, inklużi dawk quddiem l-Arbitru, kontra s-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**